# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 15 ta' Jannar 2014**

**Rikors Numru: 25/12 CSH**

**Vincent Chetcuti u b'digriet tal-4 ta' April 2013 l-atti gew trasfuzi minn fuq id-decujus Vincent Chetcuti ghal fuq Catherine Micallef Chetcuti, Kenneth Chetcuti, Anthony Chetcuti, Joseph Chetcuti u Josianne Mallia**

**vs**

**Michael Chetcuti**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tordna li jigu ritornati s-segwenti mobbli u cioe' 1) Salib kurcifiss, 2) Statwa tad-Duluri, 3) Statwa tar-Redentur, 4) Statwa tal-Kuncizzjoni bil-bradella, 5) Heater, 6) Washing machine, 7) Gwardarobba, 8) Sett tal-Kotba; liema mobbli huma proprjeta' ta' l-attur u li l-konvenut huwa qieghed ingustament jirrifjuta li jirritornalu. Fl-eventwalita' li dawn il-mobbli ma jigux ritornati il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-valur taghhom.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

L-ammont mitlub ma jeccedix l-elf u hames mitt Ewro (€1,500).

Rat ir-risposta tal-konvenut Michael Chetcuti fejn eccepixxa is-segwenti:

*"Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxi l-inkompetenza ta' din il-Qorti.*

*Illi rigward il-mertu tal-kawza, l-esponenti jirrileva li l-oggetti imsemmija mill-attur mhux kollha jinsabu fil-pussess ta' l-esponent u fost dawk l-oggetti li huwa qatt ma kellu fil-pussess tieghu huma l-heater u s-sett tal-kotba.*

*Illi l-gwardarobba imsemmija hija proprjeta ta' l-esponenti.*

*Illi rigward il-kumplament ta' l-oggetti imsemmija l-esponent jirrileva li dawn l-effetti nghataw mill-attur bhala rigal u li qatt ma esprima li huwa jrid xi hlas taghhom."*

Rat in-nota ta' Vincent Chetcuti ipprezentata fl-4 ta' Mejju, 2012 minn Dr Ludvic Caruana li permezz taghha esebixxa hames affidavits.

Rat l-affidavit ta' **Vincent Chetcuti** immarkat bhala **<u>DOK VC</u>** fejn fih spjega illi sas-sena 2010 huwa kien jghix wahdu f'terran gewwa Marsascala u fuqu kien joqghod huh Victor. F'Dicembru 2010 huwa kien waqa' fid-dar tieghu u kellu bzonn il-kura, u l-ghada huh Victor qallu li kien ftiehem ma' huh l-iehor Michael, il-konvenut, biex Vincent imur jghix mieghu minhabba li kellu bzonn l-ghajnuna, bil-patt u l-kundizzjoni illi jhallsu erba' mitt ewro (€400) fix-xahar. F'dawk il-granet kellu bzonn

jaghmel operazzjoni, u b'hekk wara li hareg mill-isptar mar joqghod ghand Michael. Jghid li malli dahal ghand Michael, il-mara ta' huh, Joyce, bdiet titolbu l-kotba tal-bank u l-cashlink, u l-attur tahomlha. Ma' dawn kellu wkoll xi dokumenti ta' shares tal-Corinthia Group. L-ghada Michael mar fil-post tal-attur f'Marsascala u gab xi affarijiet li kellu hemmhekk, fosthom washing machine, tromba, erbgha statwi u kurcifiss. Zied jghid li waqt li kien qed jghix ghandu kien anka xtara gwardarobba biex izomm l-affarijiet tieghu fiha. Qal li dam jghix ghand huh erba' xhur u nofs u f'dan il-perjodu qal li kien ihossu issikat ghaliex il-mara ta' huh kienet dejjem issemmilu t-telefonati li jaghmel, u toqghodlu ghassa meta jigi jarah xi hadd.

Darba minnhom ircieva karta mill-bank u Joyce riedet tkun taf fejn kienu l-flus li gibed skond l-imsemmija fil-karta, u akkuzatu li qed jaghti xi flus lin-neputija Josianne. X'hin huh Michael sema' l-ghajjat qallu biex jigbor hwejgu u jitlaq 'il barra ghaliex ma riedx inkwiet fil-familja. Gew ghalih huh Anthony u n-neputija Josianne u haduh lura Marsascala. Peress li kellu bzonn l-ghajnuna minhabba l-operazzjoni, huh Anthony offrielu li joqghod ghandu sakemm isib dar tal-anzjani li tospitah. Cempel lil huh biex itih wahda mill-istatwi, tal-Kuncizzjoni, u wegbitu Joyce li qaltlu li m'ghandux ghalfejn ihabbel rasu fuqha ghaliex fejn qieghda hi ikkultivata. Baqa' jinsisti li jridha izda l-istatwa qatt ma waslet ghandu, b'hekk iddecieda li jiehu passi legali fir-regward.

Darba minnhom huh Michael hadu ghand in-Nutar Dr. Anthony Lia f'Haz-Zabbar flimkien mat-tifla tieghu Lorraine biex jaghmel il-kuntratt tal-post taghha f'Haz-Zabbar. Dak il-hin ipproponielu biex jaghmillu testment bil-lest, u l-attur inhasad b'dan id-diskors. Huh qallu biex jikteb il-post tieghu fuq bintu Lorraine, u l-attur hass li ma kellux ghazla ohra minhabba li kien qed jghix ghandu u ried l-ghajnuna tieghu. In-nutar assigurah li hadd ma

seta' jiehu xejn qabel ma jmut, u li t-testment seta' jbiddlu meta jrid. Fuq din l-assigurazzjoni, Vincent halla l-post lil Lorraine, izda kellu f'mohhu li l'quddiem jerga' jbiddlu kif xtaq hu. Waqt l-iskrittura tal-kuntratt, in-nutar irrepeta kemm 'il darba illi l-ahjar jaghmlu l-post b'donazzjoni biex jiffrankaw li jhallsu l-bolol. L-attur ma kienx ippreparat li jaghmel la testmenti u lanqas kuntratti ghaliex ma kienx jaf x'kien qed jigri u hassu mifxul. In-nutar qralu l-kontenut tal-iskrittura bil-ghagla, u ma spjegalux sew it-termini b'mod li ma fehemx li kien qed isir dan it-trasferiment tal-post. L-attur iffirma l-kuntratt avolja ma kienx jaf ezatt x'fih.

Aktar tard sar jaf illi dak li sar ghand in-Nutar Lia kien donazzjoni tal-post, u mhux testment. Ikkuntattja lill-avukat tieghu u min-naha tieghu baghtilhom xi korrispondenza. Michael u martu qatt ma tkellmu, la meta rcevew din il-korrispondenza, u lanqas lilu personali dwar il-kuntratt. Qal li l-unika darba li rahom kien il-home, fejn Michael qallu li l-post ghadu tieghu u li meta jrid jista' jerga' jmur jorqod hemmhekk, u li seta' jcempillu meta ried ghal xi ghajnuna bhal perezempju biex jinhasel, izda l-attur wiegbu li kellu bizzejjed ghajnuna fid-dar tal-anzjani. Dakinhar qabel telaq, Michael qallu biex ihallih kwiet ghax kien qed ikissirlu l-familja. L-attur qallu li ma ried jifred xejn u minn dak li inghad m'hemm xejn, b'referenza ghat-testment peress li sa dak iz-zmien kien ghadu jahseb li dak li kien ghamel ghand in-nutar kien biss testment u mhux kuntratt.

Rat l-affidavit ta' **Josianne Mallia** immarkat bhala **DOK JM** fejn qalet illi hija tigi n-neputija tal-attur Vincent Chetcuti u li tlett darbiet fil-gimgha kienet tmur il-post tieghu biex tnaddaflu u tehodlu hsieb id-dar. Irrakkontat li nhar it-18 ta' Dicembru, 2010 iz-ziju kien cempel lil missierha Anthony ghaliex kellu bzonn l-ghajnuna minhabba l-incident li kellu fid-dar tieghu. Anthony ried jiehdu l-isptar izda l-attur insista li jibqa' d-dar, u l-ghada filghodu marru hi, missierha u huha biex jarawh u haduh St. James

Hospital ghaliex stqarr li kien mugugh. Mir-rizultat li hargu, it-tobba qalulu li kellu bzonn operazzjoni, u li l-ahjar ma jghix wahdu, w ghalhekk mar jghix ghand huh l-iehor Michael u bhala hlas kien ser itih €400 fix-xahar. Saret l-operazzjoni f' Mater Dei u minn hemmhekk haduh mall-ewwel ghand Michael fejn il-mara tieghu bdiet tghajjat quddiem il-familja kollha li trid il-Cashlink tieghu u l-kotba tal-bank. Qaltilhom li la kien sejjer jghix maghhom, kull ma kellu ried imur hemm mieghu. Marru fid-dar ta' Vincent f'Marsascala biex jigbrulu hwejgu, u hadulu wkoll komodina u television. Josianne qalet li ta' spiss kienet tmur tarah ghand Michael u zzid tghid li l-istatwi tieghu kienu wkoll fil-kamra li kien qed juza ghand Michael. Il-mara ta' Michael qaltilha wkoll illi l-washing machine taz-ziju Vincent kienet nizzlitha d-dar taghha biex tuzaghha meta tahsillu hwejgu.

Spjegat kif iz-ziju Vincent kien xtara gwardarobba biex izomm l-affarijiet tieghu fiha, u meta mar joqghod fid-dar tal-anzjani, din il-gwardarobba baqghet ghand Michael. Iz-ziju Michael urieha folder li fih kien izomm il-kotba tal-bank u xi dokumenti ta' xi shares li kellu Vincent mal-Corinthia Group u li kien ser ipoggihom f'din il-gwardarobba.

Xi hames xhur wara cemplilhom Michael u qalilhom li ried ikellimhom. Kien hemm hafna ghajjat gej mill-mara ta' Michael, Joyce, u bdiet tghid 'Jew jien, jew hu hawn gew', b'referenza ghaz-ziju Vincent. Biex jevita l-inkwiet ta' martu, Michael talab lill-attur biex jerga' jmur lura f'postu f'Marsascala, u li l-ghada kien ser jehodlu lura l-affarijiet personali tieghu. Josianne u missierha haduh izda z-ziju ma riedx jghix wahdu u wera x-xewqa li jmur jghix f'dar tal-anzjani, u b'hekk bdew proceduri biex jidhol residenti fil-home tal-Isla u fil-fatt, wara hmistax–il gurnata, kien mar jghix hemmhekk ghal kollox, fejn ghadu hemm sal-gurnata tal-lum.

**Josianne Chetcuti** xehdet in kontro-ezami fid-29 ta' Mejju 2013 fejn ikkonfermat li dakinhar li huma hadu lil Vincent Chetcuti ghal ghand Michael Chetcuti hi kienet flimkien ma' missierha u appena huma dahlu ghand il-konvenut il-mara tieghu qaltilhom li una volta Vincent kien ser imur jghix maghhom huma kellhom johdulha kollox. Hija qalet lix-xhud ukoll li x-xhud kellha taghtiha l-Cashlink ta' Vincent Chetcuti. Ix-xhud sostniet li ma tafx ghaliex bdiet tghajjat pero' taf li bdiet tghajjat.

Ix-xhud cahdet li Anthony beda jghid li ser izomm il-Cashlink hu ghax filfatt Anthony qatt ma' kellu l-Cashlink. Din kienet ghand ix-xhud. Mistoqsija kif effettivament il-magna tal-hasil ta' Vincent spiccat ghand Michael wiegbet li l-mara ta' Michael xtaqet li tahsel il-hwejjeg ta' Vincent bil-magna tal-hasil tieghu stess. Sa fejn taf ix-xhud Michael u min kien ghenu jnizzel il-magna tal-hasil kellhom ic-cavetta. Sussegwentament l-attur rega' telaq minghand il-konvenut u dan xtaq li jiehu l-affarijiet tieghu lura fosthom il-magna tal-hasil. Mistoqsija x'tip ta' gwardarobba tkellmet dwarha fix-xhieda taghha qalet li kienet gwardarobba biz-zip u bl-ixkaffi fuq in-naha ta' fuq. Din kienet tad-drapp. Din il-gwardarobba kienet ta' Vincent Chetcuti. Ix-xhud taf li kien xtraha Vincent mil-Lidl. Hija tiftakar li effettivament huma kienu jiehdu lil Vincent Chetcuti ghand il-Lidl darba fil-gimgha u darba minnhom sahansitra urihilhom, pero' x-xhud ma kinitx mieghu meta xtraha.

Hija cahdet dak li gie allegat lilha mill-avukat difensur tal-konvenut li meta Vincent telaq minghand Michael hija hadet l-affarijiet tieghu minn ghandu. Hija tiftakar li meta Vincent kellu incident meta kien ghand Michael, il-mara ta' Micheal bdiet tghid lil Michael li jew hi jew Vincent, it-tnejn ma setghux joqghodu fl-istess post. Mistoqsija jekk setghax kien il-kaz li Michael kien qal lil Vincent biex johrog il-barra mid-dar sakemm jirranga l-kwistjoni li kellu mal-mara, qalet li ma tafx dwar dan. Hija ma tatx kas

ezattament x'kien ghaddej dakinhar. Hija kienet aktar interessata ghax Vincent Chetcuti gie mkecci barra b'ta fuqu senduqu. Ix-xhud taf li qalilhom biex johduh lura fil-post tieghu u l-ghada jekk kien hemm bzonn li jnaddfu, hu kien ser jitla jnaddfu. Hija spjegat pero' li Vincent ma kienx ta' wahdu u ghalhekk zammu ftit missier ix-xhud sakemm spicca go *home*. Filfatt qabel ma gralu l-accident kien diga applika biex jidhol go home.

Mistoqsija ghaliex ma kienx mar direttament fil-home wara li kien teleq mil-isptar wara l-accident, ix-xhud qalet li effettivament dakinhar Vincent kien applika biss biex jidhol go home pero' ma kinux ghadhom baghtu ghalih. Hija spjegat li effettivament Vincent ma damx ghand missierha aktar minn hmistax qabel ma effetttivament spicca gol-home. Effettivament Vincent spicca gol-home tal-Isla ghax kien hemm xi hadd nieqes u spicca dahluh floku. Mistoqsi x'riedet tfisser li Vincent ma kienx ta' wahdu qalet li kien ghadu kif ghamel operazzjoni f'idu, u hu ma seta' jaghmel xejn, la seta' jinhasel u lanqas jiekol. Huwa minnu li setghu jiehdu hsiebu l-familjari tieghu pero' hadd ma ftiehm jew inkarga ruhu biex jiehu hsiebu. Hija ddikjarat li kieku hu ried joqghod maghha, hija kienet izzommu.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Chetcuti** immarkat bhala **DOK JC** fejn fih qal li meta huh Vincent, l-attur, kellu l-incident, huh l-iehor Michael avvicinah u staqsieh jekk kinetx problema ghalih jekk Vincent imur jghix ghandu bi hlas ta' €400 fix-xahar. Joseph ma oggezzjonax ghal dan, anzi qallu illi jekk ried seta' jtieh il-pensjoni kollha basta ma jiccajtax mal-post li kellu. Din irrepetiehielu erba' darbiet u kull darba qallu li la kien ser jithallas ma kellux x'jambih il-post. Fil-frattemp, Michael beda jgorr xi affarijiet personali ta' Vincent lejn id-dar tieghu fosthom washing machine, gwardarobba u statwa tal-Madonna. Waqt li huh Vincent kien qed jghix ghand Michael u martu, dawn ta' spiss kienu jxewxuh kontra huh l-iehor Anthony u bintu Josianne. Kienu jghidulu li qed jigbdu l-flus ta' Vincent.

Joseph qal dan lil hutu l-ohrajn u minn hemm spiccaw ma jitkellmux u minn dak iz-zmien beda jsir kollox minn taht.

Meta huh Vincent mar joqghod fid-dar tal-anzjani, Anthony kien ghamel ricerka u sab kuntratt li juri li d-dar tal-attur kienet giet mghoddija b'donazzjoni lit-tifla ta' Michael, Lorraine. Qal li Anthony ghaddielu kopja ta' dan il-kuntratt.

**Joseph Chetcuti** xehed in kontro-ezami fid-29 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li ma jaf xejn dwar affarijiet li setghu ghaddew mill-proprjeta' ta' Vincent ghal ghand Michael Chetcuti. Huwa sostna li dwar dan ma jaf xejn u ma jafx lanqas bid-disgwit li seta' kien hemm bejn Michael, Vincent, Josianne u Anthony Chetcuti.

Rat l-Affidavit ta' **Piju Galea** immarkat bhala **<u>DOK PG</u>** fejn qal illi Vincent jigi ħu l-mara tieghu u wara z-zwieg, hu u martu kienu marru jghixu fid-dar tal-genituri taghha fejn kien jghix anke Vincent. Meta l-genituri taghhom mietu, hu u martu baqghu jghixu fl-istess dar flimkien ma' Vincent ghal xi perjodu ta' tletin sena, ghalkemm fis-sajf Vincent kien imur jghix wahdu go post f'Marsascala.

Qal li lil Vincent minn dejjem jafu bniedem dilettant tal-istatwi, u li id-diversi statwi li kellu kien jiehu hsiebhom b'ghozza kbira u dejjem imzejnin. Jiftakar li fosthom kellu statwa tal-Kuncizzjoni, kurcifiss, statwa tad-Duluri, u ohra tar-Redentur.

F'certu perjodu huwa ddecieda li jghix Marsascala ghal dejjem u kien talbu jnizzillu dawn l-istatwi fil-post li kellu hemmhekk. Jghid li dakinhar tal-incident, filghodu kien mar izuru u ra b'ghajnejh li l-istatwi kienu ghadhom hemmhekk.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Chetcuti** immarkat bhala **DOK AC** fejn spjega illi meta Vincent kellu l-incident u ghamel l-operazzjoni, kien mar joqghod ghand huh Michael u l-mara tieghu biex jiehdu hsiebu. Peress li Vincent accetta li jmur joqghod ghandhom, huh Michael trasferilu xi affarijiet personali tieghu ghal gor-residenza tieghu gewwa Bormla u Vincent dam jghix ghandhom madwar erba' xhur. Wara dan il-perjodu, kellhom disgwit fuq xi flus u Michael keccieh mid-dar bil-konsegwenza li mar joqghod ghand Anthony ghal hmistax–il gurnata sakemm sar residenti f'dar tal-anzjani gewwa l-Isla, fejn ghadu hemm sal-gurnata tal-lum. Wara xi zmien, sar jaf illi kien qed jinghad kliem kontra tieghu da parti ta' Michael u martu, fis-sens illi Anthony u bintu Josianne Mallia kienu qed ibabsu ma' xi flus tal-attur Vincent.

F'dak il-punt, Anthony ghamel xi ricerki u rrizulta illi li sar kuntratt li permezz tieghu Vincent kien ittrasferixxa l-post ta' Marsascala fuq bint Michael, Lorraine Chetcuti, b'donazzjoni. Kif sar jaf dan, mar ikellem mill-ewwel lil huh Vincent, fejn dan stqarr illi hu kien minghalih li sar testment, u mhux kuntratt ta' donazzjoni.

**Anthony Chetcuti** xehed in kontro-ezami fid-29 ta' Mejju 2013 fejn cahad li meta l-attur hareg mill-isptar u kien ser jghix ghand il-konvenut huma bdew jidhqu u jghidulu li kien ser iwahhalulu. Huwa jaf li Michael talli kien ser izomm lil Vincent kien ftihem mieghu li kien ser johodlu xi erba' mitt ewro fix-xahar. Sa fejn jaf ix-xhud id-disgwit kien fuq din il-kwistjoni. Huwa stqarr li l-kwistjoni kienet ghax Michael xtaq li jkollu l-flus kollha ta' Vincent f'idejh mhux l-erba' mitt ewro biss li kienu ftehmu u li kien ser jaghtih fix-xahar. Michael xtaq li jkollu l-Cashlink ta' Vincent u Vincent ma riedx.

Ix-xhud jiftakar li dak l-incident meta Michael kien kecca lil Vincent il-barra hu kien ghandhom u jiftakar li l-mara ta' Michael Chetcuti tghajjat u tghid lil Michael "jew jien jew hu" b'referenza ghal Vincent Chetcuti. Huwa jiftakar li dakinhar ukoll li Michael dar fuqu u qallu li kien lest li jaghtih hmistax-il ewro (€15) biex jiehu lil Vincent Wied il-Ghajn u x-xhud qallu li ma kellux bzonn il-hmistax-il ewro tieghu.

Huwa cahad li dan l-incident inqala' ghax ittiehdu xi hmistax-il elf ewro (€15,000) mill-kont ta' Vincent. Mistoqsi kemm kien ilu ghand Michael Vincent fis-sens meta nqala' dan l-incident, qal li kien ilu xi xahar u nofs u jiftakar li l-mara ta' Michael appena waslu b'Vincent id-dar bdiet tghajjat u tghid "kif gibtuh gibuli kollox tieghu". Mistoqsi ghaliex bdiet tghajjat wiegeb li ma jafx pero' jaf zgur li bdiet tghajjat fit-triq. Mistoqsi ghaliex ix-xhud semma r-residenza ta' Vincent fl-affidavit tieghu qal li filfatt lanqas jaf li semmieha ghal ebda raguni partikolari. Huwa qatt ma tkellem ma' Michael, stqarr li mhux veru li huwa qallu li Vincent kien bi hsiebu jmur go dar tax-xjuh u cahad li qal lil Michael li jekk ried seta' jmur joqtol lil Vincent god-dar tax-xjuh.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-atti fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok MC 2.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut **Michael Chetcuti** ikkonferma li l-attur huwa huh il-kbir u huwa sittax-il sena ikbar minnu. Qal li huh kien jghix wahdu u darba fost l-ohrajn kellu incident billi kien waqa' d-dar u kien kiser idu minn diversi bnadi u a kawza ta' dan kien spicca b'diversi boldijiet f'idu l-miksura. Stqarr li waqt li kien l-isptar, hu u hutu kollha ddiskutew jekk kellhomx imorru jghaddu il-hin ma' l-attur sabiex ma jibqax  jghix wahdu jew inkella johduh jghix maghhom u jghaddi ftit ta' zmien ghand kull wiehed minnhom. Qal li hutu pero' ma riedux jiehdu l-

inkarigu li jzommuh id-dar taghhom jew li joqghodu jmorru jiehdu hsiebu go daru.

Meta ra hekk thassru u ddiskutiha ma' martu u ddecidew li jzommuh maghhom id-dar fejn kien ghadu jghix maghhom sad-data tal-affidavit tal-konvenut. Tkellem ma' hutu u qalilhom li huhom kien ser jghix maghhom id-dar. Qal li kull ma kien qed jippretendi kien li huh Vincent jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-ispejjez li kienu ser jinkorru minhabba fih. Kien tkellem ma' l-attur u dan accetta. Fil-fatt mill-isptar mar jghix dritt ghandu Bormla.

Il-konvenut qal li meta waslet il-pensjoni, huh Vitor li kellu l-prokura tieghu u kien awtorizzat jigbed il-flus tieghu mill-bank mar ghandu id-dar biex jibda itih xi flus. Huh Victor kien ha mieghu xi hames mitt ewro (€ 500) u qal lil huh Vincent li ladarba kienu ser jiehdu hsiebu u jzommuh id-dar kellu jaghti erba' mitt ewro fix-xahar lilhom. Tenna li Vincent accetta u baqa' itih din is-somma mensilment. Qal li kien ikun hu li jiehdu l-Bank, Vince kien jaghti l-Cashlink lil mara tieghu Joyce u hi kienet tigbed hames mitt ewro. Il-mara kienet taghtih il-flus kollha u mbaghad huwa minn jeddu kien jaghtiha s-somma ta' erba' mitt ewro minnhom. Ta' min isemmi wkoll li fil-Bank kien jibqaghlu aktar minn mitejn ewro (€200) fix-xahar.

Spjega li martu kienet tahsillu l-hwejjeg separatament minn taghhom. Darba minnhom kienet waqfitilha il-*washing machine* u Vincent offrielha li setghet tmur ghandu fil-bitha u tiehu dik li kellu hu peress li ma kienx qed juzaha. Pero' insista li qatt ma qallu li kien ser iselliflu din il-washing machine izda li setghu johduha. Fil-fatt kienet *washing machine* antika twin tub u kellhom sahanstira anke jbidlulha xi parts. Qal li anke kamra ghalih wahdu ipprovdewlu.

Meta wasal ir-Randan Vince kien staqsa lil martu quddiemu jekk kellhomx statwa tar-Redentur u tad-Duluri u Joyce wegbitu li ma kellhomx. Hu offra li jmorru d-dar tieghu gewwa Wied il-Ghajn u jiehdu dawn iz-zewg statwi imsemmija kif ukoll l-istatwa tal-Madonna u l-Kurcifiss.

Dwar il-*heater* li semma Vincent jghid li huwa qatt ma raha pero' jaf li huh Victor kien talab *heater* lil Vince u Vince kien qallu li seta' johodha u seta' jaghmel dan wahdu ghaliex kellu cavetta tal-post ta' Vince gewwa Wied il-Ghajn.

Dwar il-gwardarobba msemmija mill-attur spjega li martu kienet xtrat zewg gwardarobbi minghand il-Lidl ghall-prezz ta' tmintax-il ewro kull wiehed u martu poggiet wahda minnhom fil-kamra tieghu bi hwejgu. Din hija gwardarobba bid-drapp u tinghalaq biz-zipp.

Dwar is-sett kotba stqarr li assolutament m'ghandu l-ebda ideja ta' x'kienu dawn il-kotba. Huwa qatt ma ried jiehu dak li ma kienx tieghu u dak li tah huh hadu ghax tahulu. Fil-fatt meta kien jghix ghandu kellu television u radio cassette u meta telaq huwa flimkien ma' Pierre n-neputi tieghu (iben Victor) kienu hadulu dawn l-oggetti flimkien mal-oggetti personali tieghu ohra u dan ghas-semplici fatt li dawk l-affarijiet ma kinux tieghu u ma kienx tahomlu.

**Michael Chetcuti** xehed in kontro-ezami fl-4 ta' Ottubru 2013 fejn ikkonferma li huh Vincent li llum huwa mejjet dam jghix maghhom ghal perjodu ta' bejn erba' xhur u erba' xhur u nofs. Huwa cahad illi Vincent Chetcuti ma baqghax jghix maghhom ghax kellu xi jghid ma' martu. Huwa jiftakar li darba minnhom martu kienet niezla thallas kont il-kunsill ta' Bormla u huh Vincent staqsiha jekk tistax thallaslu l-kont tieghu tal-post tieghu u qaltlu biex imur igibu. Meta gabulha bi zball gabilha l-kont tal-

bank u meta fethet l-envelopp il-mara attiratlu l-attenzjoni dwar l-izball. Il-mara staqsietu kif kien possibbli li kien hemm dawk il-flus kollha migbuda mill-kont ta' Vincent u huwa dak il-hin infaqa' jibki. Dak il-hin il-mara baghtet ghax-xhud u huwa baghat ghal hutu biex jaraw min kien qed jigbed il-flus u sabu li kienet qed tigbed il-flus it-tifla ta' huh.

Huwa jiftakar li qabel ma huh kien mar jghix maghhom kien fil-garaxx jitkellem ma' hutu u jiftehmu min kien ser izomm lil huh izda hadd ma ried izommu. Ix-xhud li jigi huh iz-zghir waqt li hu kien il-kbir bejn sebgha u kien dejjem jigri mieghu. Huwa ssuggerixxa li jzommuh gimgha kull wiehed bejn hutu kollha u jghixu mieghu ghax kien kiser idu. Pero' hadd ma ried jaghmel hekk, u ghalhekk dar fuq hutu u qalilhom, mela jzommu hu. Mar huh Victor, it-tieni wiehed jitkellem ma' Vincent l-isptar u qallu li huwa kien lest li jzommu u kellhom jifthemu kemm kellu jithallas sabiex jghix mieghu. Huma kienu ftehmu li jaghtih erba' mija fix-xahar.

Darba minnhom ix-xhud jaf li kien mar huh Victor u gibidlu hames mija mill-bank u qabad erba' mija minnhom Victor u qal lix-xhud biex jaghtihom lill-martu. Ghat-tlett xhur ta' wara Vincent, huh kien qal lil Victor biex jaghtih il-card tal-bank u kien taghilu, u dan kien ikun dejjem barra jigri fil-karozza max-xhud, kienu jiefqu u lill-mara tieghu kien jghidilha inzel u igbed il-hames mija u appena kien jigbidhom, kien idoqqlu t-telecell minn gol-but mal-ewwel u kienu jmorru d-dar u kien jaghti erba' mija lill-mara u l-mija l-ohra kien izzommha hu ghall-affarijiet tieghu. Il-card pero' qatt ma giet f'idejn il-mara tax-xhud ghax kien izzommha Vincent stess. Ix-xhud tenna li huh Victor ma baqax prokoratur tieghu meta Vincent beda jghix max-xhud.

Ix-xhud ikkonferma li huh Vincent, il-mejjet kien dilettant tal-istatwi. Vincent kellu diversi vari f'Wied il-Ghajn fosthom dawk imsemmija fir-

rikors promotur. Huwa kkonferma wkoll li meta huh beda jghix maghhom kellu l-kamra tieghu. Fil-kamra tieghu, fejn kien jorqod kien gab l-istatwa tal-Kuncizzjoni mieghu. Ix-xhud cahad li kellu statwi ohrajn apparti dik tal-Kuncizzjoni. Pero' x-xhud jaf li ghandu tlett statwi ohra gol-kaxxi apparti wahda tal-Madonna li tinsab fl-intrata. Ix-xhud kien hadem xkaffa biex tinzamm din l-istatwa tal-Kuncizzjoni fuqha. Dan ghamlu ghax kien jaf li huh kien ihobb dawn l-affarijiet minn ckunitu. Josianne qatt ma haslet hwejjeg ta' huh hemm. Meta huwa kien jinzel Wied il-Ghajn hdejn huh, dan kien jinten seba' pesti. Ix-xhud iddikjara li mhux vera li kienu jahslulu l-hwejjeg ghalkemm huwa minnu li fid-dar tieghu Wied il-Ghajn kien hemm *washing machine*. Huwa minnu wkoll li din spiccat ghand ix-xhud ghax tieghu li martu kienet tahsel il-hwejjeg ta' huh biha kienet waqfet, u kienu sejrin jixtru *washing machine*, u huh qallu li huwa kellu wahda fil-bitha u talbu biex imur jigborha, u meta marru kien mar huh maghhom. Huma marru u gabruha u meta kienu hergin biha filfatt kien waqalha l-pipe. Din kienet *washing machine* minn dawk iz-zghar. Meta mar biex jistartjha anke s-switch tat-*timing* kien mar u kellu jixtri wiehed gdid. Ix-xhud iddikjara li huh filfatt kien aktar jigdeb milli jghid il-verita'. Meta beda jibki u jghid li x-xhud u martu bdew jisirqulu flus, huma kienu sabulu min kien seraqlu l-flus. Ix-xhud stqarr li huwa kien prokoratur tieghu ukoll flimkien ma' Victor u Josianne. Huwa lanqas jaf li effettivament huh kien cempel lill-mara tieghu u talabha xi affarijiet.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Novembru 2012 li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' **Josephine sive Joyce Chetcuti** li gie mmarkat bhala **Dok JC 1.**

Fl-affidavit taghha, **Josephine sive Joyce Chetcuti** bdiet tispjega illi Vincent jigi hu r-ragel taghha Michael Chetcuti. Hija spjegat li Vincent kellu incident meta' waqa' d-dar tieghu u kiser idejh u spicca bil-boldijiet

f'idejh. Fil-lejl ta' qabel dahal l-isptar huwa kien qalilha fuq it-telefon li ried imur jirrisjedi maghhom. Wara qata' ghax gie xi hadd u ried jara min kien. Ftit wara cemplet Josanne, in-neputija tieghu u ta' Michael mid-dar ta' Vincent skond l-*identity caller*, fejn qalet li Vincent ried jigi joqghod max-xhud wara li johrog mill-isptar. Josephine Chetcuti wegbitha li l-bieb kien miftuh ghalih.

Hija stqarret illi waqt li kien qieghed l-isptar, hut Vincent inkluz zewgha, iddiskutew jekk jibdewx imorru joqghodu ma' Vincent ftit kull wiehed, ghax ma kienx ta' wahdu. Pero' hadd minnhom ma ried jiehu dan l-inkarigu jew li jiehduh id-dar maghhom. Meta Michael ra hekk, thassar lil huh u tkellem max-xhud biex imur joqghod maghhom u hi accettat. Ghalhekk avzaw lill-ahwa u mar jghix maghhom. Michael tkellem ma' Vincent biex jikkontribwixxi ghall-ispejjez u dan accetta u ghalhekk kif hareg mill-isptar baqa' sejjer ghandhom.

Hija tiftakar li Victor Chetcuti li jigi hu Michael u Vincent kellu prokura biex jigbed il-flus ta' Vincent mill-Bank. Darba minnhom Victor kien mar ghandhom id-dar biex jaghti xi flus lill-Vincent u nfatti kellu mieghu hames mitt Ewro. Victor kien qal lil Vincent li ladarba ha jghix maghhom ha jibda jaghtihom erba' mitt Ewro fix-xahar bhala kontribuzzjoni u Vincent accettah dan.

Hija spjegat illi Vincent kien jaghtiha l-*cashlink* tieghu u kienu jmorru l-bank flimkien ma' Michael. Hija kienet tigbed lill-Vincent hames mitt Ewro fejn kien jaghtiha erba' mitt Ewro minnhom. Fil-bank kien dejjem jibqa' madwar mitejn Ewro.

Ix-xhud qalet illi meta waqfitilha l-*washing machine* riedet tmur tixtri wahda gdida biss semaghha Vincent u qalilha li kellu wahda li setghu

johduha. Hija sostniet li l-kliem dejjem kien car fejn hu qalilhom li setghu johduha u mhux li kien qed jislifhielhom. Din il-*washing machine* ma kienetx gdida u zewgha kellu jirrangha hu biex tahdem sew.

Meta wasal zmien ir-Randan, Vince staqsiha jekk kellhomx statwi tar-Redentur u tad-Duluri u hi qalet le. Ghalhekk hu offra li jmorru d-dar tieghu Wied il-Ghajn biex jiehdu dawn l-istatwi u l-istatwi tal-Madonna u l-Kurcifiss. Fil-fatt kienu marru Vince, Michael u hija stess u kif ta l-istatwi lilhom, ta wkoll sett ta' vari tal-gimgha l-Kbira lin-neputi tieghu, Kenneth Chetcuti. Hija taf dan ghax kien qalilha Vincent stess.

Hija sostniet li qatt ma rat il-*heater* li semma Vince. Pero' taf li Victor kien talab heater lil Vince u wiegbu li seta' jiehdu mill-post ghax Victor kellu c-cavetta tal-post ta' Vince.

Rigward il-gwardarobba, hija sostniet li kienet xtratha hi minghand il-Lidl. Hija kienet xtrat tnejn ghall-prezz ta' tmintax-il ewro il-wahda u qieghdet wahda minnhom fil-kamra tas-sodda li kellu Vincent. Din il-gwardarobba kienet tad-drapp u tinghalaq b'zipp. Dwar is-sett tal-kotba, hija ddikjarat li ma tafx x'kotba huma.

Josephine Chetcuti xehdet in kontro-ezami nhar is-27 ta' Novembru 2013 fejn stqarret li Vincent Chetcuti dam jghix ghandhom mit-23 ta' Dicembru 2010 sat-23 ta' Gunju 2011. Wara li telaq minn ghandhom, mar jghix ghand huh gewwa l-Birgu. Mistoqsija jekk setghax mar jghix ghal perjodu ta' zmien gewwa M'Scala, wiegbet li sa fejn taf hi, ma kienx il-kaz ghaliex meta telaq huma marru jfittxuh M'Scala u ma sabuhx hemm. Fil-fatt kien ghamel disat ijiem ghand huh Anthony gewwa l-Birgu. Ikkonfermat li dakinhar li telaq minn ghandhom, raqad ghand huh Anthony.

Ix-xhud stqarret li huwa minnu li Vincent hu r-ragel kien ragel kwiet. Kien jghid il-verita' kif ukoll gieli kien jigdeb. Fil-fatt mistoqsija taghti ezempju ta' meta gideb, qalet li kienu staqsewh jekk huh kienx ghadu prokuratur u kien wegibhom li le, meta fil-fatt kien ghadu. Fil-fatt tenniet li hija dan tafu ghaliex kienu dahlulu xi interessi il-bank u kien irrimarka maghhom li xi hadd kien gibidomlu. Hija fil-fatt mbaghad darba minnhom kienet sejra thallas xi kont u kien talabha biex thallaslu xi kont ukoll, u flok ma hadilha l-kont, kien hadilha statement tal-bank fejn kien jidher li kienu dahlulu hames mitt ewro bhala interessi u kienu ingibdu l-ghada bil-cashlink. FIl-fatt ghall-ewwel kellu lil huh Victor, izda dan kien nehhih pero' in effetti kellu lil Josianne. Ix-xhud saret taf dan mill-istatement.

Ix-xhud iddikjarat li Vincent kien ihobb l-istatwi u sahansitra kien ta lin-neputi tieghu xi statwi, fosthom kien tah sett tal-vari tal-Gimgha l-Kbira u l-Irxoxt kien tah lill-ohtu. Dan tafu ghaliex kien qalilha Vincent stess. Fil-fatt hija dan emmnitu ghaliex meta kienu jmorru jzuruh M'Scala, dawn l-istatwi ma kinux ghadhom hemm. Qalet li mhux minnu li Vincent wara li telaq minghandhom kien talabha biex taghti l-istatwi li kienu ghadhom ghandha, la kien cemplilha u lanqas qatt ma talabhomla meta kienet tmur izzuru fil-home. Pero' huwa minnu li ittra bl-avukat kien baghtilha, pero' kien talabha biss l-istatwa tal-Madonna. Mistqosija ghaliex hi ma rritornatiex, ix-xhud wiegbet li meta kien wasal zmien id-Duluri kien staqsieha jekk kellhiex statwa tad-Duluri u qaltlu li ma kellhiex u qallu biex immorru d-dar tieghu, u fil-fatt hekk ghamlu, u kien taha l-istatwa tad-Duluri, statwa tar-Redentur, Kurcifiss u Madonna u dan ghaliex qalilha li lill-ohrajn kien tahom ohrajn.

Ix-xhud qalet li l-attur kien jorqod fil-kamra tas-sodda billi resqet il-mejda, il-unit lejn il-hajt u poggewlu soda, u kienu ghamlu xkaffa f'din il-kamra u poggietlu l-Madonna fuqha. L-ohrajn halliethom gol-kaxxa. Meta giet id-

Duluri, hargitha, poggietha u naturalment meta ghadda z-zmien, regghet poggietha gol-kaxxa. Stqarret li mhux minnu li talabhomla lura.

Josephine Chetcuti qalet li l-washing machine li kellu l-attur M'Scala verament kienet twin-tub, waqt li l-washing machine li kellha hi d-dar kienet ukoll twin tub. Ghalhekk go darha ghadha sal-gurnata tal-lum qatt ma kellha washing machine automatic. Iddikjarat li huwa minnu li meta marritilha l-washing machine, Vincent kien semaghha tghid dan id-diskors waqt li kienu fil-kcina. Hija kienet qed titkellem ma' Michael u Vincent kien hdejha. Meta kienet tuza l-washing machine taghha kienet tahsel kemm il-hwejjeg taghha kif ukoll tal-attur, u meta taha l-washing machine tieghu, l-istess haga kienet taghmel. Il-washing machine li l-attur kellu M'Scala, li sussegwentement marret ghandhom kienet mizmuma fil-bitha. Kellhom jixtru pipe gdid u in-knob ma kienx jahdem lanqas biex jixgheluha. Qalet li sussegwentement, meta Vincent telaq mid-dar taghhom, il-washing machine zammitha ghaliex Vincent kien tahielha.

Rat in-nota tal-atturi li giet ipprezentata fil-25 ta' Frar 2013 li permezz taghha atribwixxew is-segwenti valuri tal-mobbli mertu tal-kawza:

| | |
|---|---|
| Salib kurcifiss | €120 |
| Statwa tad-Duluri | €100 |
| Statwa tar-Redentur | €100 |
| Statwa tal-Kuncizzjoni | €585 |
| Heater | €40 |
| Washing machine | €350 |
| Gwardarobba tal-incirata | €50 |
| Kotba tal-Corinthia | - |
| **TOTAL** | **€1,345** |

Rat ir-rikors ta' Catherine Micallef, Kenneth Chetcuti Anthony Chetcuti Joseph Chetcuti u Josianne Mallia pprezentat fl-atti nhar il-25 ta' Frar 2013 fejn infurmaw lill-Qorti li l-attur kien miet fil-mori tal-kawza u appuntu nhar il-21 ta' Jannar 2013 u ghalhekk talbu li l-atti jigu legittimati f'isimhom.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-4 ta' April 2013 fejn l-konvenut ma kellux oggezzjoni ghal tali talba u ghalhekk b'digriet taghha tal-istess jum tal-4 ta' April 2013 din il-Qorti laqghet it-talba rikorrenti u ordnat li l-atti jigu hekk legittimati kif mitlub.

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'iressqu fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2013. Rat illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

F'din il-kawza l-attur qed jitlob lill-konvenut sabiex jirritornalu numru ta' oggetti kif imsemmija fir-rikors promotur ghaliex jallega li dawk l-istess affarijiet huma proprjeta' tieghu u li l-konvenut ingustament u b'mod illegittimu qed jirrifjuta li jaghmel dan.

Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi'** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar il-grad ta' prova li jrid rressaq l-attur sabiex jipprova l-kaz tieghu, liema referenza kienet saret ukoll f'sentenza ohra moghtija minn dik il-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**Noel Cutajar vs Graziella Zahra**' deciza nhar il-11 ta' Ottubru 2011 fejn inghad illi:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura*

*Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' w specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta w ikollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*.

Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet bhal fil-kaz in desamina illi l-Qorti tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

a. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u

b. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *"actore non probante reus absolvitur".*

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu*

*pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*".

Illi tenut kont tal-prezenti wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li qabel din il-kawza l-kontendenti kellhom relazzjoni tajba bejniethom tant li l-attur mar jghix mal-konvenut wara li gie discharged mill-isptar u dam jghix hemm ghal diversi xhur b'mart il-konvenut tiehu hsiebu. Jidher li l-konvenut sahansitra anke kien akkomoda lill-attur fis-sens li kien irranga l-kamra tal-ikel li kellu u dawwarha f'kamra tas-sodda ghalih. Ftit issib ahwa li lesti li jaghmlu hekk u cioe' li jzarmaw darhom biex jilqghu lil xi membru tal-familja. Veru li l-attur ikkumpenshom mensiliment b'erba' mitt ewro pero' jibqa' il-fatt li kien indokrat tajjeb u fil-familja. Illi huwa minnu wkoll li whud mill-istatwi li qed jitlob l-attur verament kienu jinsabu ghand il-konvenut u dan gie konfermat kemm mill-konvenut stess kif ukoll minn martu Josephine. Pero' il-konvenut u martu jaghtu spjegazzjoni ta' kif uhud mill-oggetti mitluba nstabu ghandhom.

Ma hemmx dubbju li l-attur kien ihobb l-istatwi u li kien propretarju ta' uhud ta' statwi li kien izomm gewwa daru M'Scala. Ma hemmx dubbju lanqas li whud minnhom spiccaw ghand il-konvenut flimkien mal-kurcifiss. Jinghad li dawn kienu jinsabu fil-kamra fejn kien joqghod ghand il-konvenut u dan wara li l-istess konvenut kien wehhilu xkaffa ghalihom fil-kamra. Issa l-attur qed jghid li dawk huma proprjeta' tieghu u li jridhom lura. Il-konvenut u martu qed jghidu li dawn l-istatwi li jinsabu ghandhom kienu gew moghtija lilhom bhala rigal fiz-zmien l-Ghid meta kien staqsa lil Josephine il-mara ta' huh jekk kellhiex statwi sabiex tarma ghall-festa tal-Ghid u meta wegbitu li ma kellhiex offrilha tieghu u mar maghhom

M'Scala sabiex jigborhom minn gewwa daru. Tant hu hekk li wara dawn l-istatwi spiccaw ghand il-konvenut. Ma jidhirx li qabel ma giet prezentata din il-kawza qatt kien hemm xi talba ghal dawn l-oggetti u stramba l-affari li meta gabar hwejjgu minghand il-konvenut ma gabarx dawn l-oggetti wkoll. Fl-ebda hin ma jghid l-attur li ittenta jigborhom u l-konvenut waqfu. Jidher li din it-talba giet formulata meta kien lahaq telaq minghandhom. Huwa difficli li l-Qorti temmen li l-attur, li kien qed jghix maghhom dak iz-zmien, qal lil mart il-konvenut sabiex tmur iggib l-istatwi sabiex igawdihom waqt li huwa qed jirrisjedi ghandu u wara johodhom lura u igorrhom mieghu fejn ikun. Molto piu' meta tqis li dak iz-zmien li l-istatwi spiccaw ghandha kien zmien meta l-attur kien kuntent ghandha u ma kellux hsieb li jitlaq minn ghandha. Ghalhekk it-talba fir-rigward ta' dawn l-istatwi u kurcifiss qed tigi michuda.

Dwar it-talba tal-*washing machine* jinghad li din hija *twin tub washing machine* u li kienet wahda qadima li l-attur kien izomm fil-bitha tieghu M'Scala. Jirrizulta wkoll li f'M'Scala l-attur ma kienx jghix wisq izda biss ghax-xhur tas-sajf u ghalhekk zgur li din il-magna tal-hasil kienet wahda imkabra. Huwa vero simili ghalhekk li meta Jospehine tghid li spiccatilha l-*washing machine* taghha u l-attur offrielha li tiehu tieghu li kellu M'Scala kienet offerta gusta u f'waqtha. Jirrizulta li effettivament sahansitra anke il-hwejjeg tal-attur kienet tahsel biha. Huwa vero simili wkoll li meta il-*washing machine* ingarret ghal ghand il-konvenut kellha bzonn xi tiswijiet qabel ma setghet tintuza kif stqarru l-konvenut u martu stess u ghalhekk fid-dawl tal-provi migbura temmen li l-verzjoni tal-fatti fir-rigward ta' din il-magna kif moghtija mill-konvenut hija gusta.

Fir-rigward tat-talba tal-gwardarobba Josephine Chetcuti tghid li din xtratha mil-Lidl flimkien ma' gwardarobba ohra li zammet ghaliha. Tiddeskrivi din il-gwardarobba bhala wahda li xtrat ghall-prezz ta' tmintax-il ewro, hija

tad-drapp u biz-zipp. Ix-xhieda tal-attur ukoll jiddiskrivi din il-gwardarobba bhala wahda biz-zipp u fil-fatt ix-xhud Josianne Chetcuti tikkonferma li din il gwardarobba verament kienet ghall biegh il Lidl ghalkemm tghid li kien Vincent li xtraha. Ma tghidx pero li kienet mieghu meta xtraha u ghalhekk ix-xhieda taghha semmai hi bazata guq dak li seta intqal lilha.

Wara t-talba tas-sett tal-kotba l-konvenut u martu jixhdu li qatt kellhom xi sett tal-kotba tal-attur ghandhom u dan mill-bidu nett in effetti minn meta ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom u fil-fatt jghidu viva voce il-Qorti li dwar il-kwistjoni tal-kotba ma jafu xejn. Il-Qorti tirrileva li hadd mix-xhieda li xehdu kemm dawk prodotti mill-attur kif ukoll il-konvenut u martu ma jghidu x'kotba kienu. L-attur ghandu d-dover jispjega t-talba tieghu u jiggustifikaha. Pero' mix-xhieda prodotta ma jirrizultax x'kien dan l-allegat sett. L-unika referenza ghal dan is-sett huwa fit-talba fir-rikors promotur u ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda fjakka, il-Qorti qieghda tirrigettaha.

Dwar it-talba tal-*heater* jinghad li din giet mitluba mill-attur, il-konvenut jichad li qatt kellhom fil-pusess taghhom xi proprjeta' tal-attur. Michael Chetcuti jghid li *heater* qatt ma ra pero' jaf li huh Victor kien talab *heater* lil Vincent u Vincent kien qallu li seta' johodha u seta' jaghmel dan wahdu ghaliex kellu cavetta tal-post ta' Vincent gewwa M'Scala. Ghalhekk donnu hemm indikazzjoni li din il-heater kienet ghadha qed tinzamm fil-proprjeta' tal-attur gewwa M'Scala. Ma hemm l-ebda xhud iehor li jaghmel referenza ghal din l-materja tal-heater u ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi tali talba ma tistax tigi milqugha.

**Ghalhekk in vista tal-provi migbura, il-Qorti thoss li l-attur ma rnexxilux jikkonvinci lill-Qorti li t-talba tieghu hija wahda gusta u**

**timmerita li tigi konfermata ghaliex ma kkonvinciex lill-Qorti li effettivament l-oggetti li xtaq lura minghand il-konvenut huma proprjeta' tieghu jew addirittura li jinsabu ghandu.**

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tabbraccja l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**